



**KUNSILL EWROPEW
IL-PRESIDENT**



Brussell, 30 ta' Jannar 2012
(OR. en)
EUCO 15/12
PRESSE 29
PR PCE 12

**Kummenti għall-Istampa mill-
President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy
b'segwitu għal-laqgħa informali tal-
membri tal-Kunsill Ewropew**

Il-lejla t-tajba,

Illum aħna ħadna deċiżjonijiet dwar għadd ta' setturi sabiex inkomplu nagħtu lura l-fiduċja fl-ekonomiji tagħna.

Is-sena li għaddiet il-mexxejja Ewropej kellhom jieħdu miżuri diffiċli u kultant ta' tbatija biex iż-Żona tal-euro issir stabbli, iżda kif tafu wkoll, dan kien meħtieġ - u issa qegħdin nibdew naraw li l-isforz qiegħed jagħti l-frott.

Madankollu, aħna nirrikonoxxu li l-istabbiltà finanzjarja fiha nnifisha mhijiex biżżejjed biex noħorġu mill-kriżi ekonomika. Jeħtieġ li nagħmlu aktar, b'mod partikolari fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

Fit-test ser taraw li dan aħna sejjahnih "konsolidazzjoni fiskali favorevoli għat-tkabbir u tkabbir ekonomiku favorevoli għall-ħolqien tal-impjiegi".

X'irridu nfissru b'dan?

It-tnaqqis b'mod drastiku tad-defiċits, iżda mhux tal-investimenti tagħna għall-futur.

Iż-żieda fil-kompettivita' tal-kumpanniji tagħna, filwaqt li nagħmluha aktar attraenti għalihom li jimpjegaw lin-nies.

L - I S T A M P A

Dirk De Backer - Kelliem tal-President - ☎ +32 (0)2 281 9768 - +32 (0)497 59 99 19
Jesús Carmona - Viċi Kelliem tal-President - ☎ +32 (0)2 281 9548 / 5150 - +32 (0)475 65 32 15
press.president@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/>

EUCO 15/12

1

MT

Aħna ffukajna fuq tliet prijoritajiet:

L-ewwel nett: il-hoqkien ta' impjiegi, speċjalment għaż-żgħażaġh. Għajjnuna għaż-żgħażaġh irġiel u nisa madwar l-Ewropa biex isibu posthom fis-suq tax-xogħol.

Il-ġimgħa li għaddiet, irċevejt ittra mill-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ li fiha huma kitbu: "Iż-żgħażaġh, fi żminijiet ta' kriżi u awsterità ekonomika, mhux paroli sbieħ għandhom bżonn imma investimenti qawwija."

Tassew. Huwa għalhekk li aħna qbilna li nużaw fondi Ewropej biex nistabbilixxu skemi ta' apprendistat u ngħinu lil dawk iż-żgħażaġh li ser jibdew negozju ġdid.

L-istimulazzjoni tal-impjiegi hi fil-biċċa l-kbira r-responsabbiltà tal-pajjiżi individwali, iżda parti mill-ħidma nistgħu nagħmluha flimkien, bħala Unjoni: u dan ser nagħmluh.

It-tieni prijorità: ngħinu lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju biex jiksbu aċċess għall-kreditu, pereżempju billi nilliberaw finanzjament mill-UE li jkun disponibbli biex nappoġġaw lil min iħaddem u nnaqqsu l-burokrazija.

It-tielet prijorità: is-suq uniku. Aħna ninsabu determinati li nwarbu l-ostakoli li għad fadal biex dan jiġi kkompletat - pereżempju billi niffinalizzaw is-suq diġitali u s-suq tal-enerġija. Għandna nagħtu prijorità lill-miżuri li huma l-aktar effettivi għall-istimulazzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi.

Dan il-Kunsill Ewropew huwa pass importanti fis-Semestru Ewropew fit-triq lejn il-Kunsill ta' Marzu u dak ta' Ġunju. Miġburin flimkien, id-deċiżjonijiet tagħna jistgħu jagħmlu differenza reali. Għaż-żgħażaġh, id-differenza bejn il-qgħad u l-ewwel impjieg. Għal kumpannija żgħira, id-differenza bejn li jkollha tkeċċi lil impjegat u tkun tista' timpjega ieħor L-għan hu li nipprovdur prospetti, li nagħtu t-tama.

It-tieni kwistjoni prinċipali tal-laqgħa tal-lum kienet il-ħidma kontinwa tagħna rigward l-istabbiltà taż-Żona tal-euro. Għamilna progress importanti fl-istrateġija tagħna biex negħlbu l-kriżi u norbtu l-ekonomiji tagħna aktar mill-qrib f'qafas aktar b'saħħtu.

Ippermettuli nsemmi erba' elementi.

L-ewwel nett: aħna qbilna u approvajna l-patt fiskali, trattat dwar l-istabbiltà u l-konverġenza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Is-17-il mexxej taż-żona tal-euro ser jiffirmawh fil-laqgħa tagħna li jmiss f'Marzu, flimkien mal-mexxejja ta' pajjiżi li mhumieq fiż-żona tal-euro li jixtiequ jissieħbu fih. It-Trattat jiffoka fuq il-ħtieġa għal aktar responsabbiltà u titjib fis-sorveljanza. Kull pajjiż li jiffirmah jimpenja ruħu li jintegra "it-trażżin tad-dejn" jew "ir-regola tad-deheb" fil-leġislazzjoni proprja tiegħu, u li ser jagħmel dan f'livell kostituzzjonali jew ekwivalenti. Il-konformità ser tiġi infurzata b'mod aktar effettiv permezz ta' regoli ġodda dwar il-votazzjoni u mekkaniżmu awtomatiku ta' korrezzjoni. 25 Stat Membru ser jiffirmawh, jiġifieri l-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka. It-trattat ser jidħol fis-seħħ ladarba jiġi rratifikat minn tmax-il pajjiż taż-żona tal-euro.

It-tieni nett; aħna approvajna l-qbil bejn is-17 dwar it-Trattat għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Aħna nappellaw lill-Ministri tal-Finanzi biex jiffirmawh fil-Laqgħa li jmiss

tal-Grupp tal-Euro, biex isir effettiv minn Lulju 2012. Id-dħul fis-seħħ bikri ta' dan l-ilqugħ permamenti ser jipprevjeni l-kontaġu fiż-żona tal-euro u jkompli jagħti lura l-fiduċja.

It-tielet nett: kif maqbul f'Diċembru, aħna ser nergħu nivvalutaw l-adegwatezza tar-riżorsi taħt il-fondi ta' salvataġġ tal-EFSF u l-MES, f'Marzu. -- U peress li s-summit tagħna li jmiss huwa fl-1 ta' Marzu, dan huwa fil-fatt inqas minn 5 ġimgħat 'il bogħod!

Ir-raba' u l-aħħar element: rigward il-Greċja, aħna nilqgħu b'sodisfazzjon il-progress magħmul fin-negozjati mas-settur privat. Aħna nappellaw lill-awtoritajiet Griegi u lit-trojka biex jaqblu dwar il-passi meħtieġa sabiex il-programm attwali jerġa' lura fit-triq it-tajba. Aħna nhegħu lill-Ministri tal-Finanzi biex jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-involviment tas-settur privat u l-adozzjoni tal-programm il-ġdid sa tmien il-ġimgħa, fi żmien biżżejjed għat-tnedija tal-'PSI' sa nofs Frar.

Punt finali: Għalkemm ma kinitx formalment fl-aġenda tal-lum, aħna ttrattajna wkoll fil-qosor ir-relazzjonijiet barranin. Dwar dan hragt stqarrija għall-istampa separata, u b'hekk ippermittuli nsemmi biss it-tlett suġġetti li ddiskutejna. Aħna approvajna l-miżuri restrittivi kontra l-Iran, inkluż embargo fuq iż-żejt, kif ġie deċiż mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin il-ġimgħa l-oħra. Aħna esprimejna r-rabja tagħna għall-atroċitajiet u r-repressjoni mwettqa mir-reġim Sirjan, u ħeġġiġna lill-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jieħdu l-passi li ilhom meħtieġa biex tintemm ir-repressjoni.

U -- peress li ma rridux ninsew li hemm ukoll aħbarijiet tajbin -- aħna lqajna b'sodisfazzjon u nkoragġejna t-triq għar-riforma paċifika magħżula mill-gvern ta' Burma/il-Mjanmar.